MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2150/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Manwel Camilleri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Manwel Camilleri**

**Vs**

**Antonio Gravina**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm280.79c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur Manwel Camilleri, assigurat mas-socjeta' attrici nomine li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghal mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm255.79c) ghas-socjeta'

attrici u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attur Camilleri bhala *excess* bhala rizultat ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Settembru, 2002 ghall-habta tad-8.45a.m gewwa Triq Ghajn Dwieli, Paola bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Manwel Camilleri bin-numru ta' registrazzjoni IAW 187 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni HAP 618, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, mperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija ta' Carmen Pampanella li kienet qed issuq il-karozza proprjeta' ta' l-attur.

Sema' x-xhieda ta' Carmen Pampanella, Manwel Camilleri, PS 76 Charles Cassar u tal-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza u li fis-seduta tal-5 t'Ottubru, 2004 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx iktar provi u li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza tikkoncerna kollizjoni li sehhet fit-28 ta' Settembru, 2002 bejn id-8.45a.m u d-9.10a.m fi Triq Ghajn Dwieli, Paola.

PS 76 Charles Cassar ikkonferma l-okkorrenza minnu esebita u li fiha hemm imnizzel l-i*statement* taz-zewg sewwieqa dakinhar ta' l-incident. Huwa nizzel hekk:
*Car Number IAW 187 (Karozza ta' l-attur)*

*She stated that after she emerged from the petrol station and was proceeding along the road, the driver of car number HAP 618 overtakes another car, consequently collided onto her car which was turning on her right hand side into Triq Father Charles Plator.*

*Car Number HAP 618 (Karozza tal-konvenut)*

*He stated that after he overtook another car which was driving very slowly, consequently collided onto car number IAW 187 which was turning right.*

Imbaghad bhala hsarat iddeskrivihom hekk:

*Car number IAW 187 right front mudguard, front bumper, right front indicator.*

*Car number HAP 618 front left mudguard, front left door.*

Id-danni fiz-zewg vetturi gew indikati bhala *slight*. Is-Surgent anki kkonferma l-pozizzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi wara l-incident u li l-i*sketch* huwa *to scale* 1cm:1m.

Carmen Pampanella li kienet qed issuq il-karozza IAW 187 ta' missierha Manwel Camilleri, xehdet illi dakinhar ta' l-incident hija kienet qed issuq fit-triq in kwistjoni, hadet il-*petrol* minghand il-*petrol station* kif hemm indikat fuq l-i*sketch* u wara qabdet il-*main road* bl-intenzjoni li mbaghad taqsam ghal gewwa Triq Father Charles Plator. Hija xeghlet l-*indicator* u harset lura u warajha kien hemm tlett vetturi bojod 'il boghod minnha li kienu qieghdin isuqu bil-mod. Hija bdiet iddur lejn it-triq u meta qabzet nofs il-karreggjata f'daqqa wahda giet karozza minn warajha mal-genb taghha jigifieri man-naha tar-*right* taghha u sehhet il-kollizjoni. Il-karozza l-ohra, wara li laqtitha baqghet miexja u pparkja l-vettura mal-genb tat-triq. Meta kellmet lis-sewwieq tal-karozza l-ohra hu kien qalilha li hu kkalkula li seta' jaqbizha u li dak il-hin kien qieghed jaghmel *overtaking* ta' tlett vetturi. Hija waqfet il-karozza mad-daqqa u baqghet hemm sakemm gew il-pulizija. Id-danni fil-vettura taghha huma ezatt l-istess danni kif indikati fir-rapport tal-pulizija. Hija rat l-i*sketch* izda ma qablitx mal-pozizzjoni kif giet impingija l-karozza taghha fuq l-i*sketch* fil-fatt immarkat fuq l-i*sketch* il-pozizzjoni li kkalkulat kif spiccat il-vettura taghha wara l-incident. Hija kkonfermat ukoll illi fil-mument tal-habta kienet qed taqsam id-*dotted line* li hemm f'nofs it-triq.

Manwel Camilleri, missier l-imsemmija Pampanella, xehed li huwa s-sid tal-vettura in kwistjoni w apparti hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess* hallas ukoll sebgha u hamsin lira Maltin (Lm57) addizzjonali billi wara l-incident mar jassigura ma' kumpanija ohra billi kien tilef in-*non claim bonus*.

Il-konvenut xehed illi dakinhar ta' l-incident huwa kien miexi fi Triq Wied Blandun u li quddiemu kien hemm karozza ohra li kienet miexja bil-mod u kienet tat indikazzjoni li jew se tidhol ghall-*petrol* jew li se tieqaf *on the left* u huwa ghamel manuvra biex jaqbizha. Huwa gibed ftit 'il barra ghalkemm isostni li baqa' fil-karreggjata tieghu meta f'daqqa wahda sab il-karozza misjuqa minn Pampanella quddiemu u ha l-impressjoni li din kienet qed taghmel *U-turn* izda tali manuvra ma kienetx kompletata. Huwa pprova jiskapulaha izda ma rnexxielux u z-zewg karozzi laqtu zbrixx lil xulxin u l-incident spicca kif indikat fl-i*sketch* tal-pulizija. Huwa ma rax il-karozza ta' l-attur hlief ftit qabel l-impatt.

**Konsiderazzjoni dwar ir-responsabbilta'**

Mill-provi prodotti t-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni biex jasal ghall- konkluzjoni li l-verzjoni kif sehh l-incident u kif spjegata minn Pampanella hija aktar verosimili minn dik kif spjegata mill-konvenut. F'dan ir-rigward it-Tribunal qieghed jaghti mportanza ghal dak li z-zewg *drivers* qalu lill-pulizija *a tempo vergine*. Ix-xhieda tal-konvenut waqt dawn il-proceduri hija differenti minn dak li l-istess konvenut qal lill-pulizija. F'din il-kawza huwa qal li Pampanella kienet qed taghmel *U-turn* mentri lill-pulizija qallu li l-karozza kienet qed iddur *to the right*.

Inoltre tajjeb li ssir referenza ghall-Highway Code in materja ta' overtaking:

**Overtaking**
**181.** Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others. Be specially careful at dusk and in mist, when it is more difficult to judge speed and distance.

**183.** Before overtaking, give the appropriate signal, make certain that the vehicle you intend to overtake is aware of your intention, keep at a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken and return to the appropriate lane or side of the road as soon as practicable after overtaking. Do not cut in sharply in front of the vehicle you have just overtaken.

Jidher li l-konvenut bhala sewwieq ta' vettura li qed taghmel manuvra ta' surpass, kellu obbligu li jzomm *a proper lookout* u jaccerta ruhu li tali manuvra tista' ssir minghajr ostakolu u tfixkil. Huwa evidenti li meta kien qed jaqbez il-karozza li kien hemm quddiemu, huwa ma kienx cert li jista' jespleta din il-manuvra minghajr periklu. Huwa evidenti li malli huwa qabez il-karozza li kien hemm quddiemu, sab il-vettura misjuqa minn Pampanella quddiemu u ma setax jiskapulaha.

Pampanella hija *ex-admissis* kienet *on the crown of the road* qed taqsam karreggjata ghal ohra biex tidhol lejn ix-xellug ghal Triq Father Charles Plator, kif kellha kull dritt li taghmel, qabel m'ghamlet tali manuvra xeghlet l-*indicator* u anki harset lura u kienet rat tlett karozzi bojod 'il boghod minnha li kienu miexjin bil-mod.

Ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz huwa evidenti li l-incident in kwistjoni gara unikament responsabbilta' tal-konvenut li fil-mument ta' surpass ma zammx *a proper lookout* u ma kienx attent bizzejjed u ntenta manuvra ta' surpass f'cirkostanzi meta ma kienx cert li jista' jespleta tali manuvra liberament.

**Il-Quantum**

Dwar il-*quantum* l-atturi esebew *survey* a fol 16 tal-process li ghandu *total estimate* ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm322.73c). Dan jikkomprendi tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75c) *loss of use*, mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm145) *parts*, disgha u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm79.30c) *spray*, erbgha u sittin lira Maltin u tmenin centezmu

(Lm64.80c) *labour* u erba’ liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm4.88c) *corrosion protection.*

Attwalment pero’ thallsu l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75c) *loss of use,* disgha u sebghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm79.61c) *parts*, disgha u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm79.30c) *spray painting*, erbgha u sebghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm74.52c) *panel beating* u hames liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm5.61c) *Dinitrol* – total ta’ mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm267.79c). M’huwiex ikkontestat li minn dan l-ammont hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) thallsu minn Manwel Camilleri bhala *excess* u ghalhekk bhala *quantum* it-Tribunal jidhirlu li giet pruvata biss ic-cifra ta’ mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm267.79c) li minnhom hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ghandhom jigu refunded lill-attur Manwel Camilleri. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghad-differenza ta’ tlettax-il lira Maltin (Lm13) bejn l-ammont fuq imsemmi u l-ammont mitlub fil-kawza u konsegwentement it-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jilqa’ t-talba attrici fuq din is-somma ridotta ta’ mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm267.79c) izda stante illi d-differenza hija *de minimis* mhux il-kaz li jkun hemm temperament fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament tort tal-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm267.79c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------